MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2010

Rikors Numru. 377/2009

**Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 3775/09 ipprezentata a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12 fl-ismijiet:**

**Albert Bonnici**

**-vs-**

**Emanuel Cachia**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Gunju, 2010.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Emanuel Cachia pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-ewwel t' Ottubru, 2009 fejn ir-rikorrent espona s-segwenti:

*"Illi bl-ittra ufficjali fuq citata pprezentata minn Albert Bonnici fil-21 ta' Lulju, 2009 l-esponent gie nterpellat biex ihallas is-somma ta' disat elef, hames mija u tnejn u sittin Ewro (€9562) import ta' hames (5) kambjali li kopja taghhaom giet esebita ma' l-istess ittra ufficjali.*

*Illi l-esponent u l-imsemmi Albert Bonnici kienu ghamlu ftehim ta' kiri (Dokument A) li in forza tieghu gie mikri lill-esponent il-fond kummercjali 'Puerto Domingo' fi Triq Sant' Anna, Wied il-Ghajn, bil-kundizzjonijiet li jirrizultaw skond il-ftehim riferit, fosthom illi l-kera kellu jkun ta' Lm19 kull jumm ghall-ewwel sitt (6) snin, dekorribbli mill-1 ta' Novembru, 2006.*

*Illi mill-ammont ta' kera kull jum hawn fuq imsemmi, cioe' Lm19 Albert Bonnici ried li s-somma ta' Lm9 kull jum, ekwivalenti ghal Lm821 kull tliet xur, tkun pagabbli permezz ta' kambjali.*

*Illi l-kambjali kollha li kopja taghhom giet prezentata minn Albert Bonnici ma' l-ittra ufficjali tieghu infatti jirapprezentaw il-hlas tas-somma ta' Lm9 kull jum, ghal tliet (3) xhur, kif gie spjegat hawn fuq.*

*Illi fil-11 t' Awissu 2008 l-esponent radd lura c-cwievet tal-fond lilu mikri kif inghad u l-kirja tal-fond giet terminate. Dan jirrizulta wkoll mill-ittra datata 19 t'Awissu 2008 (Dokument B) li permezz taghha saret twegiba ghall-ittra ta' l-Avukat sottofirmat datata l-4 t'Awissu 2008. Mill-istess ittra (Dokument B) nibtet il-pretensjoni ta' Albert Bonnici fis-sens illi l-kambjali li gew iffirmati 'jirrappresentaw flus dovuti lilu bhala rigal li kellhom jithallsu minnek perjodikament'.*

*Illi l-pretensjoni ta' Albert Bonnici li bejnu u bejn l-esponent saru l-kambjali biex jithallas rigal ghall-kiri tal-fond fuq imsemmi hija ghal kollox falza. Infatti m'hemm l-ebda riferenza kwalsiasi fil-ftehim tal-kiri (Dokument A) ghall-hlas tar-rigal.*

*Illi huwa utli li jigi rilevat li l-istanza promossa minn Albert Bonnici bl-ittra ufficjali tieghu kienet konsegwenza tal-*

*kawza li l-esponent intavola kontrih biex jigi risarcit il-flejjes li nkorra ghax-xiri tal-kcina li tissemma wkoll fl-ittra tad-19 t'Awissu 2008 (Dokument B). L-esponent qed jipprezenta kopja tar-rikors guramentat tieghu f'dan is-sens (Dokument C).*

*Illi fil-fehma umili tal-esponent id-dokumentazzjoni sottomessa turi li:*

*Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-kambjali li dwarhom qed jagixxi Albert Bonnici huma haga wahda mal-kuntratt ta' kiri li kien sar bejnu u bejn l-esponent;*

*l-istess kambjali gew iffirmati biex ikopru parti mill-kera li l-esponent intrabat li jhallas lil Albert Bonnici, u mhux rigal kif allegat;*

*tlieta mill-hames kambjali li esebixxa Albert Bonnici ma' l-ittra ufficjali tieghu u mmaturaw fl-24 ta' Ottubru 2008, fl-24 ta' Jannar 2009 u fl-24 ta' April 2009, cioe' wara giet terminate l-kirja fil-11 t'Awissu 2008 kif gie spjegat, u huwa appuntu ghalhekk li in mala fede totali beda jigi allegat bl-ittra tad-19 t'Awissu 2008 illi l-kambjali kienu jirrapprezentaw il-hlas tar-rigal.*

*L-esponent jghid bir-rispett illi fejn l-artikolu 253 tal-kapitolu 12 jaghmel riferenza ghal ragunijiet gravi u validi biex din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-opposizzjoni ghall-ezekuzzjoni ta' kambjali, huwa car li l-indizji ta' agir frawdolenti kif huma dawk li jirrizultaw fil-kaz odjern, jiggustifikaw l-opposizzjoni ta' l-esponent skond il-ligi. Ma jista' jkun qatt permess li bniedem jisraq, letteralment, lil haddiehor bil-pretest ta' kambjali, aktar w aktar bil-procedura stabbilita bl-artikolu 253 tal-Kapitolu 12, intiza biex f'sitwazzjoni limpida tevita l-htiega ta' kawza fil-kors normali.*

*L-esponent ghalhekk jitlob, rispettosament illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' l-opposizzjoni tieghu ghall-ezekuzzjoni ta' l-imsemmija kambjali, a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 12."*

Rat ir-risposta tal-intimat Albert Bonnici ipprezentata fis-sebgha w ghoxrin t' Ottubru 2009 (a fol. 23 et seq.), fejn espona:

*"Illi l-esponenti qieghed jopponi ghat-talbiet ta' Emanuel Cachia sabiex din il-Qorti joghgobha tilqa' l-opposizzjoni tieghu ghall-ezekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni, u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

*Illi preliminarjament, l-esponenti jirrileva illi r-rikors promotur ta' Emanuel Cachia huwa inammissibbli u ma jistax jigi kkunsidrat minn din il-Qorti peress li gie ntavolat 'fuori termine' u cioe' jum (1) wara l-iskadenza tat-terminu ta' ghoxrin (20) jum min-notifika tal-ittra ufficjali kif stipulate mill-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12;*

*Illi di fatti, Emanuel Cachia gie notifikat bl-ittra ufficjali 3775/2009 nhar il-Hamis 10 ta' Settembru 2009, fejn kellu sal-Erbgha 30 ta' Settembru 2009 sabiex jintavola r-rikors tieghu, izda huwa ghamel dan biss il-Hamis l-1 t'Ottubru 2009, wara li t-terminu perentorju u improrogabbli prefiss mil-ligi kien lahaq skada;*

*Illi bla hsara ghas-suespost, ir-raguni li r-rikorrenti jibbaza fuqha t-talba tieghu ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni, u cioe' li kien hemm xi 'agir frawdolenti' mill-esponenti bl-intavolar tal-ittra ufficjali 3775/2009, tmur lil hinn mill-iskop tal-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, u ghaldaqstant hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;*

*Illi f'dawn il-proceduri, fejn ir-rikorrenti qieghed biss jitlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali, u mhux it-thassir tat-titolu ezekuttiv ottjentu bl-istess kambjali, din il-Qorti ghandha biss taghmel ezami sommarju u 'prima facie', u tassigura li ma jkun hemm ebda dubju dwar il-hrug u l-validita' tal-ittra ufficjali u l-kambjali in kwistjoni;*

*Illi fir-rikors promotur tieghu, ir-rikorrenti qieghed jattakka biss in-natura ta' l-obbligazzjoni marbuta ma' l-istess kambjali, ossia r-raguni li wasslitu sabiex minn jeddu johrog il-kambjali in kwistjoni a favur tal-esponenti, u*

*f’ebda hin ma qieghed jattakka l-validita’ ta’ l-ittra ufficjali u tal-kambjali;*

*Illi b’hekk jirrizulta li l-kwistjonijiet imqanqla mir-rikorrenti jmorru lil hinn mill-ezami tal-validita’ tal-ittra ufficjali u tal-kambjali ghaliex qeghdin jattakkaw ‘is-siwi intrinsiku’ ta’ l-istess kambjali, liema stharrig ma jista’ qatt isir waqt procedure ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta’ kambjali mibdija taht il-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12, izda biss waqt procedure mibdija permezz ta’ rikors guramentat ‘ad hoc’ ghat-thassir tat-titolu ezekuttiv ottjentu permezz ta’ l-istess kambjali;*

*Illi bla hsara ghas-suespost, il-premessa li fuqha qieghed isejjes it-talba tieghu ir-rikorrenti hija ghal kollox zbaljata, ghaliex tali kambjali jirrapprezentaw rigal dovut minn Emanuel Cachia lill-esponenti ghal-lokazzjoni tal-hanut in kwistjoni, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta’ dan ir-rikorsm, jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti Emanuel Cachia.”*

Rat illi waqt is-seduta ta’ nhar l-Erbgha tnejn (2) ta’ Dicembru 2009, l-Avukat Difensur tar-rikorrent Emanuel Cachia, u cioe’ Dottor John Vassallo, ipprezenta affidavit tieghu stess (a fol. 29) fejn espona u halef is-segwenti:

*“Il-klijent tieghi Emanuel Cachia halla f’idejja l-ittra ufficjali bin-numru 3775/2009 hekk kif kien irceviha. Billi huwa jinsab diehel u hiereg mill-isptar, ridt nivverifika personalment fir-Registru tal-Qorti meta kien li effettivament gie notifikat bl-istess ittra ufficjali.*

*L-ittra ufficjali li dwarha ridt li nivverifika ma kinitx disponsibbli biex inkun nista’ nara r-riferta relattiva. Kelli ta’ bilfors insaqsi jien fir-Registru tal-Qorti ghall-iskop li nikkonferma d-data tan-notifika; u fiz-zewg okkazjonijiet separate li ghamilt hekk gie kkonfermat lili illi kien fil-11 ta’ Settembru 2009 li saret in-notifika relattiva.”*

Rat illi nhar is-sitta ta’ Mejju, 2010 xehed ir-rikorrent **Emanuel Cachia** ( a fol. 47 et seq.) fejn gie muri d-dokument li jinsab esebit a fol. 4 tal-atti u kkonferma li dan huwa kuntratt ta’ kera li sar bejnu u bejn l-intimat Albert Bonnici. Ikkonferma inoltre li l-kera negozjata kienet ta’ dsatax-il Lira Maltin (Lm19) kuljum u li kien gie wkoll iffirmat ftehim bejniethom ghaliex parti mill-kera ma kinitx se tkun tidher fuq il-kuntratt. Spjega li ghaxar Liri (Lm10) kellhom jithallsu direttament permezz ta’ standing order mill-bank, filwaqt li d-disgha Liri l-ohra (Lm9) kellu johroghom hu. Cahad li d-disgha Liri (Lm9) kienu se jirrapprezentaw rigal. Stqarr li l-kirja giet terminata f’Awissu 2008 u li allura hemm kambjali li huma ffirmati ghall-perjodu ta’ wara, filwaqt li rega’ kkonferma r-rikors promotur tieghu.

Qal li ghalkemm jaf li ffirma diversi kambjali, fil-prezent ma jiftakarx kemm kienu. Gie muri numru ta’ kambjali li jinsabu nseriti fl-atti mmarkati bhala Dok. A sa E, u kkonferma li dawn hu kien iffirmahom minn jeddu. Gie muri wkoll kopja tar-rikors 751/09 dwar kawza pendenti bejnu u bejn Albert Bonnici, u b’referenza ghall-ammont ta’ elfejn u tnejn u disghin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€2092.44) imsemmi fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, spjega li meta hu kien ha l-hanut minghand Bonnici, kien hallas ukoll tal-kcina u ghalhekk kienu ftehmu li ma kellux ihallas tal-ewwel tliet xhur kera u Bonnici kien sahansitra tah kambjala lura. Spjega li kienu nhafrulu wkoll dsatax-il Lira (Lm19) kuljum ghal tliet xhur barra s-somma ta’ €2092, u qal li fil-fatt il-kambjala li giet ritornata lilu u dik is-somma flimkien jammontaw ghal dsatax-il Lira (Lm19) kuljum ghal tliet xhur. Qal li l-kambjala li qed isemmi hija dik esebita a fol. 16 tal-process immarkata bhala Dokument A, fl-ammont ta’ Lm81.

Fis-sitta ta’ Mejju, 2010 xehed ukoll l-intimat **Albert Bonnici** ( a fol. 49 et seq.) fejn beda billi qal li fl-2005 kien xtara post li ma kienx abitabbli u kien iddecieda li jikkonvertih ghal restaurant. Qal li l-hsieb tieghu kien li min jiehu l-fond kummercjali jkun jista’ jirrangah a spejjez tieghu u naturalment lilu jghaddilu l-kera. Kien ikkonsulta

ma' xi nies biex jiehu idea ta' kemm ghandu jitlob bhala kera, u kien ha in konsiderazzjoni l-ispejjez involuti biex il-post ikun operattiv li kien xi erbghin elf (Lm40,000) jew hamsa w erbghin elf Lira Maltin (Lm45,000). Kien ukoll staqsa lil professional agent kemm kellu jitlob bhala kera u dan qallu li kollox jiddependi jekk hux se jithallas xi rigal jew le. Spjega li effettivament hu kien nefaq erbghin elf Lira Maltin (Lm40,000) u zied li dment li min jikri l-post ihallas rigal ta' erbghin elf Lira Maltin (Lm40,000) il-kera kellha tkun ta' ghaxar Liri Maltin (Lm10) kuljum. Ghalhekk kien mar ma' Emmanuel Cachia ghand in-Nutar Reuben Casingena.

Kompla jghid li l-hsieb tas-Sur Cachia kien li jiehu l-post ghal hmistax-il sena u ghalhekk kien gie kkalkolat li minflok jithallas ir-rigal minn qabel, tithallas il-kera ta' dsatax-il Lira (Lm19) kuljum li kienet tkopri disgha Liri kuljum (Lm9) ghall-ispejjez mahruga minnu stess (mix-xhud) biex irranga l-post, ghal hmistax-il sena, u l-ghaxar Liri (Lm10) kuljum oltre l-imghax bis-sitta fil-mija (6%). Qal ukoll li hu seta' jaghmel din il-bicca xoghol kellu jiehu bank loan. Imbaghad xehed ukoll li l-accountant tieghu kien qallu li jekk dawn id-dsatax-il Lira (Lm19) kuljum kienu se jidhru bhala kera, kienu jigu kollha bhala qliegh meta fil-fatt disa' Liri (Lm9) minnhom kienu spejjez. Allura kienu ddecidew li l-kera kellha tkun ghaxar Liri (Lm10) kuljum u l-bilanc isir kambjali bl-imghax ta' sitta fil-mija ghal hmistax-il sena. Zied li l-kera kellha tithallas bi standing order ta' tliet mija u erbgha Liri (Lm304) fix-xahar u pagamenti ohrajn permezz ta' kambjali li jithallsu kull tliet xhur.

Rigward il-kcina qal li hu xtaq izommha hu u fil-fatt lis-Sur Cachia kien qallu biex jixtri kcina u li kien lest li jhallsu taghha biex jibqghu bil-ftehim li kellhom. Qal li tant hu hekk li hu lis-Sur Cachia kien diga' ghaddielu s-somma ta' tlett elef u seba' mitt lira (Lm3700) taghha.

Stqarr li rigward il-hlas mill-ewwel bdew bil-problemi, fis-sens li Cachia ma kienx ihallsu, u allura wara xi zmien dehrlu li kellul jiehu l-post lura, u fil-fatt kienu ltaqghu ghand l-avukat tieghu u ssetiljaw. Qal ukoll li kien ghamel

mandat izda wara xi jumejn kien waqqfu ghaliex is-Sur Cachia kien tah xi flus. Sussegwentement kellu jaghmel mandat iehor ghax rega' ma hallsux. Barra minn hekk, qal, kien hallielu kont tad-dawl ta' xi elfejn Lira Maltin (Lm2000) u sahansitra kienu se jaqtghulu s-servizz. Zied li lanqas seta' jaqbel il-hanut fuq haddiehor peress li kien hemm dan il-kont pendenti, pero' eventwalment dan kien gie mhallas minn Cachia stess. Insista li hu kien ghamel spejjez kbar f'dan il-hanut, tant li kellu jissellef mill-bank, izda ghadu ma ha xejn lura mill-flus li hareg. Qal ukoll li ghalkemm kienu ftehmu li l-ispejjez kellu jaghmilhom is-Sur Cachia, fil-fatt kien ghamilhom kollha hu u qatt ma gabarhom. Sussegwentment l-avukat tieghu kien kiteb lil Cachia biex jippruvaw jilhqu ftehim, pero' ma waslux. Mistoqsi ghaliex fil-kuntratt hemm miktub dsatax-il Lira Maltin (Lm19), wiegeb li qatt ma kienu marru biex jibdlu l-kuntratt u ghalhekk ghadu jidher l-ammont ta' dsatax-il Lira (Lm19) kuljum, izda nonostante dak li hemm miktub fil-kuntratt is-Sur Cachia kien qed ihallsu s-somma ta' tliet mija u erbgha Liri (Lm304) fix-xahar.

Rat li fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin ta' Mejju, 2010, l-avukati difensuri tal-partijiet trattaw il-kawza.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwl lok l-intimat isostni li t-talba tar-rikorrenti mhix ammissibli peress illi saret *fuori termine*, u cioe' l-att promotur gie pprezentat l-ghada tal-ghoxrin jum moghti mil-Ligi mid-data tan-notifika. Illi Dr. Vassallo pprezenta l-affidavit tieghu bhala Konsulent Legali tal-attur, fejn stqarr li l-attur kien tah l-att li kien ircieva (u cioe' l-ittra ufficcjali) minnufih, izda peress illi l-patrocinat tieghu huwa diehel u hiereg l-isptar, kif anke jirrizulta mic-certifikat mediku esebit, huwa kelllu jaghmel il-verifiki teighu mar-Registratur dwar meta effettivament kien gie notifikat l-attur. Skond l-affidavit ta' Dr. John Vassallo huwa kien gie nfurmat mir-Registratur, ghaliex l-att ma kienx fir-registru, li l-klijent tieghu kien gie notifikat fil-hdax ta' Settembru 2009, u ghalhekk fil-fehma tieghu ir-rikors tieghu kien gie pprezentat fit-terminu.

Illi in vista ta' dan l-affidavit, Dr. Cachia ghall-intimat, nhar it-2 ta' Dicembru 2009 iritira l-ewwel eccezzjoni tieghu u ma kienx qed jinssiti ghal decisjoni dwarha.

Illi ghalhekk il-Qorti kellha tezamina l-eccezzjonijiet l-ohra li jolqtu l-mertu. L-intimat, *in poche parole*, jghid li r-raguni li r-rikorrenti jibbaza fuqha t-talba tieghu ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni, u cioe' li kien hemm agir frawdolenti, jmur lil hinn mill-iskop tal-proviso 253(e) tal-Kap 12.

Illi r-rikorrenti qed jitlob s-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni ta' l-ittra ufficcjali li allura rrendiet eżegwibbli d-dokumenti msemmija fil-konfront tieghu *ai termini* ta' l-Artikolu 253 tal-Kap 12. Dan l-artikolu jgħid li kambjali u *promissory notes* huma atti eżekuttivi *purche'* issir l-intimazzjoni gudizzjarja skond l-istess artikolu. Il-*proviso* ta' l-istess artikolu jagħti lill-intimat f'dawk il-proceduri l-opportunita' li jitlob appuntu s-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni, u hija din il-procedura li qed tigi adoperata mir-rikorrenti. Biex jagħmel dan pero' r-rikorrenti jrid jissodisfa lill-Qorti jew <u>li l-firma in kwistjoni ma tkunx tiegħu, inkella jkun hemm ragunijiet gravi u serji biex dan isir. </u>(sottolinear ta din il-Qorti)

Il-Qorti trid tagħmilha cara kif hemm indikat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ian Pecorella -vs- Sovereign Caterers Limited u Ronald Azzopardi</u>** deciza fil-11 ta' Marzu 2009 illi hija b'ebda mod m'għandha tidħol fil-fond tal-vertenza, għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna fir-rigward tal-procedura maħsuba **fl-Artikolu 836 tal-Kap. 12** li hija simili għal din il-procedura (naturalment hemm differenzi mportanti għaliex **l–artikolu 836** jirrigwardja l-ħrug ta' kontro-mandat) din għandha tkun waħda sommarja u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' *prima facie.* Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża **<u>Camilleri vs Gove et</u>** deciża fl-10 ta' Mejju 2001; *mid-dispożizzjoni ta' l-istess **artikolu 836** jidher li l-uniku eżami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm*

*limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja* (ara ukoll is-sentenza fil-**kawża Emanuel Sammut vs Josephine Sammut** deciża fil-5 ta' Gunju 2003). F'sitwazzjoni bħal dik odjerna pero', billi r-rikorrenti jkun qed jitlob biss l-opportunita' li jikkontesta azzjoni kambjarja eventwali, il-Qorti tħoss ukoll li għandha tkun sodisfatta li dwar il-validita' tal-kambjala *ut sic* u dwar ic-cirkostanzi rigwardanti l-ħrug tagħha, m'hemm ebda dubbju ta' validita'.

Għalhekk il-Qorti trid tara jekk *prima facie* jeżistux ragunijet, dejjem skond is-sub-artikolu msemmi mir-rikorrenti, biex tara tagħtix cans lir-rikorrenti li jikkontestaw din il-kawża eventwali, għaliex m'hemmx dubbju li l-emenda li permezz tagħha l-kambjala saret titolu eżekuttiv kienet intiża biex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eccezzjonijiet tal-konvenut huma tassew limitati. Kwindi l-Qorti trid appuntu tara jekk l-intimat hemmhekk ikollux opportunita' jressaq b'success dawn l-eccezzjonijiet.

Illi r-rikorrenti jispjega li kien ghamel ftehim mal-intimat dwar kiri ta' fond kummercjali bl-isem Puerto Domingo, Triq Sant Anna, Wied il-Ghajn, bil-kundizzjonijiet li jirrizultaw skond il-ftehim esebit fl-atti fosthom li l-kera ghandha tkun dsatax-il Lira Maltin (Lm19) kuljum ghall-ewwel sitt snin, dekorribli mill-1 ta' Novembru 2006. Jirrizulta anke minn dak li xehed Albert Bonnici li in realta' pero' l-kera kellha tkun disa' Liri Maltin (LM9) kuljum, u cioe' LM821 kull tliet xhur pagabbli permezz ta' kambjala u l-bilanc ta' ghaxar liri (Lm10) kuljum kellhom ikopru xi spejjez. Illi r-rikorrenti kien iffirma kambjali ekwivalenti ghal din il-kera, liema kambjali jinsabu esebiti f-atti. Gara pero' li l-kirja giet terminata qabel iz-zmien miftiehem fil-ftehim, u in effetti fil-11 ta' Awwissu 2008 ir-rikorrenti radd lura c-cwievet tal-fond lilu mikri u l-kirja giet terminata, dan nonostante l-kambjali baqghu f'idejn l-intimat.

Illi m'hemmx dubju anke mix-xhieda ta' Emmanuel Cachia stess, li ghalkemm fil-ftehim redatt quddiem in Nutar

Casingena hemm imnizzel li l-kera kellha tkun dsatax-il Lira (Lm19) kuljum, in realta' l-kera kienet disa' Liri (LM9) u l-bilanc ta' ghaxar liri (LM10) jirraprezenta r-rigal li kien ser ihallas Cachia lil Bonnici ghall-kirja, u dan ghaliex l-accountant ta' Bonnici kien qallu li kien ser ihallas aktar taxxa kieku ghamlu kirja gholja, u xi spejjez li lahaq ghamel l-intimat.

L-intimat ghalhekk meta pprezenta l-kambjali l-Qorti permezz tal-ittra ufficcjali, w talab il-hlas taghhom, agixxa fil-fehma tar-rikorrenti b'mod frawdolenti, ghaliex ir-rikorrenti ma kellux itih tal-kera tal-fond li kien irritorna lill-intimat. L-intimat min-naha tieghu fl-eccezzjonijiet tieghu ma jghid xejn dwar in-natura tal-obbligazzjoni, w jemmen li l-procedura taht l-Artikolu 253(e) ghandha tintuza biex tattakka l-validita' tal-ittra ufficcjali u tal-kambjali u mhux in-natura tal-obbligazzjoni li a bazi taghha jkunu nhargu l-kambjali.

Illi skond l-**Artikolu 253 tal-Kap 12** din il-Qorti ghandha tara jekk hemmx ragunijiet serji, fis-sens ta' gravi, w validi sabiex tordna s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali. Fil-proceduri taht l-**Artikolu 253(e)** proviso, il-Qorti ma taghtix decisjoni finali dwar jekk il-kambjala tiswiex, tara biss jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni taghhom. Dan hu proprju dak li qed jitlob r-rikorrenti f'din il-kawza.

Issa skond is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla nhar is-7 ta' Marzu 2008 fl-ismijiet **<u>Gaffarena Holdings Limited versus Seaborg Co. Limited</u>** "*il-Qorti hija tal-fehma li tali ragunijiet gravi ma jistghux ikunu usa mir-ragunijiet mahsubin mill-ligi specjali – Kodici tal-Kummerc – biex izommu milli kambjala tithallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi procedura bhal tal- illum, il-Qorti tistharreg il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-abbligazzjoni li fiha titnissel, liema stharrig jidher li jmissu jsir f'kawza li tressaq specifikament ghal dan il-ghan. Kull ma trid il-ligi f'din il-procedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx ragunijiet serji bizzejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew promissory note li tkun*."

Jinghad li l-**Professur Felice Cremona** fil-kitba tieghu **"Notes on Commercial Law –Part II",** f'pagna 274 jghid li "*The drawer of a bill of exchange must put his signature thereon in order that his intention of binding himself thereby quoad any holder of the bill may result in a formal and unequivocal manner*". Hekk ukoll, l-awtur **T. G. Reeday**, fil-ktieb " **The Law Relating to Banking**" jghid (pagna 331) li, "*A bill of exchange is an unconditional order in writing, addressed by one person to another, signed by the person giving it, requiring the person to whom it is addressed to pay on demand or at a fixed or determinable future time a sum certain in money to or to the order of a specified person or to bearer*". Il-kreditur irid jaccetta dik l-obbligazzjoni, pero`, mhux mehtieg li din l-accettazzjoni jimmanifestha bl-istess formalita' u solennita`. Il-fatt li accetta u zamm il-kambjala hija prova bizzejjed tal-accettazzjoni tieghu.

Din il-Qorti trid tirrimarka wkoll li meta kambjala tibqa' fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (cioe` ma tigix girata), ma takkwistax natura awtonoma ndipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun girata li din takkwista valur *"on the face of it"*, u allura jkun dipendenti fuq dak li johrog u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu maghruf, ma tohloqx novazzjoni, meta tibqa' f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tigi distakkata mill-obbligazzjoni originali.

Illi mill-provi prodotti f'dan ir-rikors almenu *prima faccie* jirrizulta li l-kambjali ma jirriflettux l-obbligazzjoni li ghaliha

nhargu dawn l-kambjali ghaliex ma jirriflettux dak li kien gie miftiehem fil-ftehim esebit fl-atti, w ghalhekk hemm ragunijiet serji u gravi li jimmeritaw is-sospensjoni tal-esekuzzjoni taghhom.

**Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa' t-talba tar-rikorrenti li tordna s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-**

**imsemmija kambjali a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap 12.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura tithallas mill-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------